**25 ta' Ġunju, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Galea fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tal-Każin Nazzjonalista tan-Naxxar

*versus*

Onor. Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi

**Qorti Kostituzzjonali – Sentenza – Ritrattazzjoni – Nullità**

*Kawża fejn ġie allegat li n-nuqqas ta' ħruġ ta' permessi tal-bini relattivi għall-każin politiku kien diskriminatorju. Il-Prim'Awla ddikjarat li kienet ġiet komessa diskriminazzjoni vvjetata fil-konfront tar-rikorrent. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet fuq appell minn din is-sentenza. Il-partijiet ippruvaw jirrittrattaw is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li s-sentenzi tagħha ma kinux soġġetti għar-ritrattazzjoni u li għalhekk il-proċeduri istitwiti għal dan il-għan mir-rikorrent kienu nulli.*

Il-Qorti: –

Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Joseph Galea fil-kwalità tiegħu premessa, li wara li ppremetta:

*Omissis;*

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni, kompriż il-verbal tasseduta tat-12 ta' Mejju, 1986, minn fejn jidher li l-kawża kienet ġiet differita għat-trattazzjoni dwar il-kwistjoni ssollevata mill-Qorti jekk deċiżjonijiet ta' din il-Qorti humiex soġġetti għal ritrattazzjoni kkontemplata fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Semgħet lid-Difensuri tal-partijiet dwar dan l-imsemmi punt;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' Joseph Galea *nomine* ppreżentata fis-6 ta' Ġunju, 1986, kif ukoll in-nota ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet tat-12 ta' Ġunju, 1986;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jikkontempla t-twettiq taddisposizzjonijiet relattivi għad-drittijiet u libertajiet fundamentali u jiddisponi *"inter alia"* ..... ***inter alia*** fis-subartikolu (1) li bla ħsara għad-disposizzjonijiet (6) u (7) ta' dak l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet tkun ġiet, *tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha* tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju, u fissubartikolu (2) li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' kull talba simili u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet. Fis-subartikolu (3) jingħad li jekk f'xi proċedura f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew *il-Qorti Kostituzzjonali tqum il-kwistjoni dwar il-ksur*

ta' xi waħda mill-imsemmija disposizzjonijiet, dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;

Fis-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu 47 imbagħad jingħad li kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikolu jkollha d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Is-subartikolu (6) jiddisponi li jista' jsir provvediment bi jew skond Att tal-Parlament biex jiġu mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dawk is-setgħat b'żieda għal dawk mogħtija b'dan l-artikolu li jkunu meħtieġa jew mixtieqa sabiex il-Qorti tkun tista' aktar effettivament teżerċita l-ġurisdizzjoni mogħtija bl-istess artikolu. L-aħħar subartikolu, ċjoè s-subartikolu (7), jipprovdi li regolamenti tal-Qorti li jipprovdu dwar il-prattika u l-proċedura tal-Qrati ta' Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu magħmula mill-persuna jew awtorità li għal dan iż-żmien ikollha s-setgħa li tagħmel regolamenti tal-Qorti dwar il-prattika u proċedura ta' dawk il-Qrati u għandhom ikunu maħsuba biex jiġi żgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u illi s-smigħ għandu jkun b'tali ħeffa possibbli;

L-artikolu 96 tal-Kostituzzjoni jgħid li fost il-Qrati Superjuri għandu jkun hemm dik magħrufa bħala l-Qorti Kostituzzjonali, u din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni kkonferita lilha bl-istess artikolu, kompriża dik li tisma' u tiddeċidi appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni;

Skond is-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 96, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) u (7) ta' l-artikolu 47, li l-

*kontenut tagħhom għadu kemm ġie rrilevat, jgħoddu għall-Qorti* Kostituzzjonali, u għalhekk riferenzi għal dak l-artikolu fl-imsemmija subartikoli għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għall-artikolu 96;

Ikkunsidrat:

Minn eżami ta' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li l-Qorti rriproduċiet *in extenso l-Qorti tiġbed* dawn il-konsegwenzi:

(1) L-artikolu 47 jikkonferixxi fuq il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġurisdizzjoni speċjali. Din il-ġurisdizzjoni tiġi eżerċitata minnha meta tiġi adita b'rikors mill-persuna li tallega l-vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tagħha kkontemplati fil-Kostituzzjoni, jew meta ssir liha riferenza ta' xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mill-imsemmija drittijiet u libertajiet fundamentali minn xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali;

(2) Kull deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fl-eżerċizzju ta' l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali hija appellabbli lil din il-Qorti;

(3) Kemm din il-Qorti u kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jistgħu jiġu mogħtija b'Att tal-Parlament setgħat oħra b'żieda għal dawk mogħtija bl-imsemmija artikolu 47 u 96 sabiex kull waħda minnhom tkun tista' aktar effettivament teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha;

(4) Billi l-ġurisdizzjoni li ġiet mogħtija lil din il-Qorti u lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija waħda speċjali u l-funzjonijiet

u setgħat ta' kull waħda minnhom fl-eżerċizzju ta' dik il-ġurisdizzjoni huma indikati fl-imsemmija artikoli 47 u 96, mhux leċitu li xi waħda minn dawn il-Qrati teżerċita funzjonijiet ġurisdizzjonali u setgħat mhux ikkontemplati fl-artikoli msemmija. Għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet u setgħat oħra b'żieda għal dawk mogħtija b'dawk l-artikoli jeħtieġ Att tal-Parlament;

(5) Isegwi għalhekk li jekk jiġi rrikonoxxut fil-każijiet fuq imsemmija d-dritt tar-ritrattazzjoni kkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (u dan id-dritt ta' ritrattazzjoni skond l-istess Kodiċi fil-każijiet hemm ikkontemplati jista' jiġi eżerċitat sija fil-Qorti ta' l-ewwel grad kif ukoll fil-Qorti tat-tieni grad) tkun qed tingħata funzjoni ġurisdizzjonali u setgħa lill-Qorti – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew Kostituzzjonali, skond il-każ – li skond il-Kostituzzjoni l-istess Qorti m'għandhiex;

(6) L-anqas jista' jinġibed xi argument favur id-dritt tar-ritrattazzjoni mir-Regolamenti magħmula bl-Avviż Legali 48 ta' l-1964 u bl-Avviż Legali 49 ta' l-1964. Skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 47 fuq iċċitat (li, kif diġà rrilevat, japplika wkoll għall-każ ta' l-artikolu 96) dawn ir-regolamenti setgħu u kellhom jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qrati, fil-kliem ta' l-istess subartikolu, "**għall-finijiet ta' dan l-artikolu**", u kwindi għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni speċjali kif ikkontemplata fl-artikoli 47 u 96. Dan ikompli jsib konferma fis-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu 47 li jibda biex jgħid li l-persuna li tallega l-vjolazzjoni u li tapplika għal rimedju tagħmel dan "bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu" (fit-*test* Ingliż *subject to the provisions of subsections (6) and (7) of this section"),* li jfisser li r-regolamenti li għandhom jiġu

magħmula taħt is-subartikolu (7) għandhom jiġu hekk magħmula għall-finijiet ta' dak li hu kkontemplat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47, *jiġifieri* għall-finijiet ta' l-applikazzjoni għal rimedju magħmula mill-persuna li tallega l-vjolazzjoni tad-drittijiet tagħha;

(7) Isegwi għalhekk li meta fir-Regolament 6 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 ġie pprovdut li bla ħsara għar-Regolamenti *magħmula bl-imsemmi Avviż id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi* ta' Òrganizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw, dan għandu jiftiehem li għandhom japplikaw in kwantu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkun qiegħda teżerċita l-ġurisdizzjoni speċjali tagħha u s-setgħat ikkontemplati fl-artikolu 47. Dan jidher ċar mill-istess kliem tar-Regolament 6 li jgħid li d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-prattika u l-proċedura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni **ordinarja** tagħha għandhom japplikaw **fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha skond l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni**, jiġifieri għandhom japplikaw in kwantu dik il-Qorti tkun qiegħda teżerċita l-ġurisdizzjoni u setgħat speċjali fuq imsemmija, u mhux b'mod li tiġi eżerċitata ġurisdizzjoni mhux ikkontemplata fl-imsemmi artikolu kif ikun il-każ kieku kellu jingħata d-dritt tar-ritrattazzjoni;

L-istess jingħad fir-rigward tar-Regolament 11 ta' l-Avviż Legali 49 ta' l-1964 li jiddisponi li "bla ħsara għal dawn ir-Regolamenti, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar il-prattika u proċedura quddiem il-Qorti ta' l-Appell għandhom "*mutatis mutandis*" japplikaw għall-Qorti Kostituzzjonali". L-imsemmija disposizzjoniiet għandhom jiġu applikati in kwantu jistgħu japplikaw fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni speċjali kkontemplata fl-

artikolu 96, imma mhux b'mod li tiġi eżerċitata ġurisdizzjoni mhux ikkontemplata fil-Kostituzzjoni kieku kellu jiġi ammess id-dritt ta' ritrattazzjoni;

Jista' jiżdied f'dan ir-rigward illi d-dritt ta' ritrattazzjoni – meqjus fil-ġurisprudenza ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XLII.I.227; Vol. VI, 365) – huwa kkontemplat fl-imsemmi Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja'', u mhux leċitu li **materja partikolari** ta' proċedura ġudizzjarja tiġi introdotta fl-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni speċjali meta l-artikoli 47 u 96 tal-Kostituzzjoni li waqqfu dik il-ġurisdizzjoni speċjali ma jikkontemplawhiex. Il-prattika u proċedura msemmija fl-artikolu 47(7) u fir-Regolament 6 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 u fir-Regolament 11 ta' l-Avviż Legali 49 ta' l-1964 hija l-prattika u proċedura normali tal-Qrati u ma tinkludix materji partikolari;

Il-Qorti, għalhekk, hi tal-fehma li meta l-Kostituzzjoni bl-artikoli 47 u 96 u bir-regolamenti magħmula skond it-termini ta' dawk l-artikoli pprovdiet għal ġurisdizzjoni u għal proċedura sabiex jiġu mwettqa d-drittijiet u libertajiet fundamentali, hija ma akkordatx ukoll id-dritt ta' ritrattazzjoni pretiż mir-rikorrent *nomine*. Din l-interpretazzjoni tagħha hija konsona ma' l-intenzjoni tal-leġislatur li ripetutament wera l-preokkupazzjoni tiegħu li l-prattika u proċedura speċjali introdotta minnu bl-artikoli 47 u 96 tkun spedita kemm jista' jkun possibbli. Infatti, fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 47 jingħad espressament li l-proċedura għandha tkun b'rikors u s-smigħ għandu jkun b'kull ħeffa possibbli. Fir-Regolament 6 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 jingħad li għandu jiġi żgurat li konsistentement ma' l-amministrazzjoni xierqa u kif imiss tal-ġustizzja, is-smigħ u d-disponiment tal-każ ikun b'ħeffa kemm jista' jkun possibbli, u fir-Regolament 10 ta' l-Avviż Legali 49 ta' l-1964 jingħad ukoll

l-istess ħaġa. Kieku l-Qorti kellha tirrikonoxxi d-dritt tar-ritrattazzjoni (ħaġa li, kif ġie muri, ma tikkontemplax l-istess Kostituzzjoni) kienet tinnewtralizza u anzi tannjenta l-imsemmi skop tal-leġislatur billi tkun qiegħda tintroduċi proċedura speċjali li – għap-parti li fl-ewwel istanza ssir b'libell u fl-istadju ta' l-appell issir b'petizzjoni, u mhux b'rikors – fin-natura tagħha stess tirrendi illużorja l-ispeditezza mixtieqa mil-leġislatur u inċerta s-sentenza billi r-ritrattazzjoni tista' tintalab fi żmien tliet xhur li jibda jiddekorri b'mod differenti skond il-każ li taħtu tista' tintalab;

Ġie objettat fit-trattazzjoni orali li jkun kontrosens li tista' tgħid li fil-kawżali ordinarji kollha li jiġu deċiżi mill-Qrati fil-ġurisdizzjoni normali tagħhom hekk id-dritt ta' ritrattazzjoni (naturalment fiċ-ċirkostanzi kongruwi tassattivament stabbiliti mil-liġi) u fil-każ ta' kawża Kostituzzjonali, li tinvolvi drittijiet fundamentali u għalhekk ta' ċertu importanza, m'hemmx. Dan l-argument, però, jinjora l-aktar ħaġa fundamentali li tirregola l-materja, ċjoè li hu ovvju mill-istess liġi li l-leġislatur ma riedx li l-kawżi Kostituzzjonali jirċievu l-istess trattament bħal kawżi oħra. Kieku ma kienx hekk l-istess leġislatur kien ikun qiegħed jikkrea l-possibbilità li deċiżjonijiet kemm ta' din il-Qorti u kemm tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni speċjali mogħtija lilha bl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jiġu stultifikati u jitilfu ħafna jekk mhux għal kollox, mill-effikaċja li l-Kostituzzjoni trid tattribwilhom jekk għal tul ta' żmien konsiderevoli, kif ġà spjegat, jibqgħu soġġetti għal ritrattazzjoni;

Il-Qorti tirrileva, fl-aħħarnett, illi huwa veru li kif jirrileva l-imsemmi Joseph Galea *nomine* fin-nota tiegħu tas-6 ta' Ġunju, 1986, allavolja ''fil-Kap. 109 hemm l-artikolu 43 li jagħti dritt għal ''*new trial*'' f'każ partikolari, ġie rritenut li ma kien hemm

xejn li neħħa r-rimedju normali tar-ritrattazzjoni f'każijiet oħra, u dwar il-proċedura intużaw artikoli ġeneriċi bħal 21 u 23 tal-Kap. 109 biex il-Qrati applikaw ir-regoli tal-proċedura dettati mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili'';

Huwa daqstant ieħor veru, però, li fil-każ tal-Kap. 109 min-naħa l-waħda hemm l-artikolu 43 li jgħid li ''jekk jinsab li waħda mill-partijiet ħadet deċiżjoni favorevoli mill-Bord minħabba dikjarazzjoni falza magħmula minnha, il-parti kuntrarja tista' tagħmel talba lill-Bord għas-smigħ mill-ġdid tar-rikors u tista' wkoll taġixxi quddiem il-Qorti kompetenti.....'', min-naħa l-oħra hemm l-artikolu 21 li jgħid espressament li ''l-Bord għandu l-istess setgħat mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15) lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili'';

Id-diċitura ta' din l-aħħar imsemmija disposizzjoni hija manifestament ferm differenti minn dik tar-Regolament 6 ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964 u tar-Regolament 11 ta' l-Avviż Legali 49 ta' l-1964, li jgħidu rispettivament: ''Bla ħsara għal dawn ir-Regolamenti, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili **dwar il-prattika** u l-**proċedura** quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili japplikaw għal dik il-Qorti fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha skond l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.....''; u ''Bla ħsara għal dawn ir-Regolamenti, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili **dwar il-prattika u l-proċedura** quddiem il-Qorti ta' l-Appell għandhom ''*mutatis mutandis*'' japplikaw għall-Qorti Kostituzzjonali'';

Dawn iż-żewġ disposizzjonijiet ma jgħidux (kuntrarjament għall-każ ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 109 b'riferenza għall-Bord li Jirregola l-Kera) li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-eżerċizzju

tal-ġurisdizzjoni tagħha skond l-imsemmi artikolu 47 għandha "l-istess setgħat" mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Prim'Awla fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha; l-anqas ma jgħidu *li din il-Qorti għandha* "l-istess setgħat" mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura lill-Qorti ta' l-Appell. Jgħidu biss, l-imsemmija disposizzjonijiet, li – dejjem soġġett għal dak li jipprovdi l-istess regolamenti – fil-każ tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-eżerċizzju *tal-ġurisdizzjoni speċjali* mogħtija lilha **bl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni** għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-prattika u l-proċedura quddiem dik il-Qorti fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha hija dik stabbilita bl-imsemmi artikolu 96 tal-Kostituzzjoni) japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-prattika u proċedura quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Bl-ebda mod dan ma jista' jiġi interpretat fis-sens li kull ma japplika għal din il-Qorti skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili japplika għall-Prim'Awla *tal-Qorti Ċivili* fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni speċjali tagħha skond l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u għal din il-Qorti. Kieku l-intenzjoni tal-leġislatur kienet dik li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni speċjali msemmija jkollha l-istess *setgħat ta'* l-istess *Qorti fl-eżerċizzju ordinarja tagħha*, u din il-Qorti jkollha l-istess setgħat tal-Qorti ta' l-Appell, l-iżjed ħaġa faċli kienet tkun disposizzjoni fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 109 ġà msemmi. Il-fatt li ma sarx dan huwa indikazzjoni ċara biżżejjed li f'dan il-każ l-intenzjoni ma kinitx l-istess bħal fil-każ ta' l-imsemmi Kap. 109;

Fil-fehma tal-Qorti, importanza rilevanti għandu wkoll il-

kliem użat fis-subartikolu (6) ta' l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni (li bis-saħħa ta' l-artikolu 96(4) japplika wkoll għal din il-Qorti), ċjoè "..... biex jiġu mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) **dawk is-setgħat b'żieda għal dawk mogħtija b'dan l-artikolu** .....". Skond dan l-artikolu biex ikun jista' jsir dan jinħtieġ Att tal-Parlament, u dan juri bl-iżjed mod ċar li, kuntrarjament għall-każ ta' l-imsemmi artikolu 21 tal-Kap. 109 li espressament jagħti lill-Bord li Jirregola l-Kera "l-istess setgħat" mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u din il-Qorti għandhom biss dawk is-setgħat li ġew mogħtija lil kull waħda minnhom rispettivament bl-imsemmija artikolu 47 u 96 tal-Kostituzzjoni. Għal setgħat oħra li m'humiex kompriżi f'dawn iż-żewġ disposizzjonijiet jinħtieġ provvediment "bi jew skond Att tal-Parlament";

Il-każ "Ferro *vs* Segretarju tad-Djar" li għalih saret riferenza fl-imsemmija nota tas-6 ta' Ġunju, 1986, ma jista' jkun ta' l-ebda utilità fis-soluzzjoni tal-kwistjoni in eżami, għax din il-kwistjoni ma kinitx ġiet issollevata f'dik il-kawża;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, u għar-raġunijiet esposti, tiddeċidi billi tiddikjara li l-proċedura ta' ritrattazzjoni m'hijiex ikkontemplata u kwindi ma tistax tintuża f'każijiet bħal dak in eżami, u għalhekk tiddikjara l-petizzjoni ta' l-imsemmi Joseph Galea *nomine* irrita u nulla u ma tiħux konjizzjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.